MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Numru. 1101/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**CARMELO DALLI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmelo Dalli ta’ 53 sena, bin Angelo u Giorgia nee’ Caruana imwieled Gudja fis-17 ta’ Lulju, 1959 u joqghod 6, Flat 4, Triq San Mikiel, Bormla detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 437259M.

Gie akkuzat talli bejn id-9 ta' Lulju 2012 u l-10 ta' Lulju 2012 f'xi hinijiet bil-lejl minn razzett minghajr isem li jinsab fi Sqaq maghruf Ta' Gallozzu, Santa Lucija u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' zewgt izwiemel 'Shetland Ponies' ghad-detriment ta' Santos Barbara minn Hal-Tarxien u/jew f'dawn il-gzejjer liema serq hu aggravat bil-valur li ma jeccedix 2329.37 ewro, lok, hin mezz, u bix-xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 22 tal-kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta Magistrat Dr. A. Micalleft Trigona LL.D. nhar is 26 ta' Gunju 2012 u tal-Art 22 Kap 446 moghtija lilu mill-Magistrat Dr. C. Peralta LL.D. nhar is-27 ta' Lulju 2012.
Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija titratta lil imputat bhala li sar recediv ai terminu tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b'sentenzi moghtija lilu liema sentenzi illum huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 6 tal-Process u nnutat li l-imputat Carmelo Dalli m’ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Carmelo Dalli iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Carmelo Dalli bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Santos Barbara presenti fl-Awla iddikjara li r-rifurtiva konsistenti f'zewgt izwiemel gew ritornati lilu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-imputat ghandu problema serja ta' abbuz mill-alkohol u konsegwentement umilment talbu lill-Qorti li jkun opportun li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Probation ghall-fini li jkun assistit dwar din il-problema.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 261(b), (c), (e), (f) u (g), 263, 267, 269, 270, 271, 278(3), 279(a), 280(2), 281(c), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 u l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Carmelo Dalli fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u cioe' li jaqblu li l-imputat ghandu problema serja ta' abbuz mill-alkolhol u konsegwentement umilment talbu lill-Qorti li jkun opportun li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Probation ghall-fini li jkun assistit dwar din il-problema u li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Santos Barbara presenti fl-Awla iddikjara li r-rifurtiva konsistenti f'zewgt izwiemel gew ritornati lilu tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Carmelo Dalli taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex ikun assistit jgheleb il-problema serja ta' abbuz mill-alkolhol u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Carmelo Dalli ghall-piena ta' seba' mitt Ewro (Ewro 700) multa.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Carmelo Dalli.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Carmelo Dalli kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Carmelo Dalli l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------